VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,316, 26 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 340 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

16. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad ta’ Bachelor of Commerce (l-Ewwel Parti tal-Kors) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Ewwel Parti tal-Kors li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja ta’ l-Ewwel Sena	17%
Marka Medja tat-Tieni Sena	33%
Marka Medja tat-Tielet Sena	50%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-grad ta’ Bachelor of Commerce (Honours) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba’ snin tal-Kors li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja ta’ l-Ewwel Parti	60%
Marka Medja tar-Raba’ Sena	40%.”